28 ta' Marzu, 1955

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir. L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
Onor. Dr. A. J. Montanaro Cauci, C.B.E., LL.D.;
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Antonio Borg et. *versus* Giuseppe Zammit

**Petizzjoni ta' Eredità — Pussess — Bwona Fede — Preskrizzjoni — Prova — Art. 885, 568 (1) u (2), 2246, u 569 tal-Kodiċi Ċivili**

*L-azzjoni ta' min hu ntitolat jirreklama wirt tintilef jekk ħaddieħor jakkwista dak il-wirt b'pussess għaż-żmien stabbilit mill-liġi, li hu ta' għaxar snin.*

*Din hi preskrizzjoni akkwiżitiva. U biex wieħed jista' jagħti din il-preskrizzjoni ta' għaxar snin, u biha jopponi talba għall-wirt, jeħtieġlu li matul dawk l-għaxar snin hu kellu f'idejh il-wirt "animo domini", u mingħajr qerq, jew bi bwona fede.*

*Il-bwona fede tirrappreżenta l-istat ta' animu tal-possessur, il-koxjen-*

*za u l-intima konvinzjoni tiegħu, li l-ħaġa li jippossjedi hija tiegħu. Il-mala fede hija n-negazzjoni tal-bwona fede; hija l-istat ta' animu ta' dak li jaf, jew imissu minħabba ċ-ċirkustanzi jaħseb, illi l-ħaġa li hu jippossjedi hija ta' ħaddieħor. Jekk il-possessur ikollu xi dubju, tkun teżisti fih l-inċertezza, u konsegwentement tispiċċa l-bwona fede tiegħu fis-sens tal-liġi.*

*Barra minn dan, il-bwona fede għandha testendi ruħha għat-totalità tal-ħaġa posseduta; u l-istat ta' l-animu tal-bwona fede fil-possessur għandu jissussisti matul id-deċennju kollu, mill-bidu sat-tmiem tiegħu.*

*Però, wieħed għandu dejjem jingħadd li hu fi bwona fede; u min jeċċepixxi l-mala fede għandu jippruvaha.*

*Min, f'dokument formali, jikkwalifika ruħu bħala komproprjetarju u amministratur ta' fond, ma jistax jiġi ritenut li qiegħed jippossjedi dak il-fond "animo domini".*

Il-Qorti—Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li biħ l-atturi, wara li jippremettu illi l-konvenut jippretendi li l-fond urban Nru 11 Pears Street, Mqabba, jappartjeni esklużivament lilu, kif jidher mill-kontraprotest tat-12 ta' Novembru, 1951, (dok. A), tant li ġa beda jirrikostruwieh mill-ħsarat tal-gwerra; u illi, kif jirriżulta fit-trattazzjoni tal-kawża, huma jippossjedu mill-imsemmi fond waħda minn erbgħa u għoxrin (1/24) parti indiviża, waħda minn erbgħa u għoxrin (1/24) parti indiviża, u waħda minn tnejn u erbgħin (1/42) parti indiviża, jew kwota oħra verjuri, rispettivament; jitolbu illi, premessi d-dikjarazzjonijiet u mogħtija l-provvedimenti kollha opportuni, jiġi mill-Qorti dikjarat u deċiż li huma jippossjedu mill-fond fuq imsemmi, 11 Pears Street, Mqabba, il-kwoti indiviżi fuq speċifikati jew kwoti oħra verjuri li tistabbilixxi l-istess Qorti. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut, li ġie mħarrek għas-subizzjoni tiegħu;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-5 ta' Ottubru, 1954, li biha ddeċediet billi, mingħajr preġudizzju tal-meritu, iddikjarat illi għall-azzjoni ta' l-atturi mhux ta' ostakolu l-art. 885 tal-Kodiċi Ċivili, u konsegwentement irrespinġiet l-eċ-

ċezzjoni tal-preskrizzjoni deċennali sollevata mill-konvenut, bl-ispejjeż kontra tiegħu; billi kkunsidrat;

Illi, kif irrileva l-perit legali, mhux indikat fiċ-ċitazzjoni t-titolu li bih l-atturi qegħdin jeżerċitaw l-azzjoni minnhom dedotta, jiġifieri jekk huma humiex qegħedin jeżerċitaw l-azzjoni rivendikatorja jew l-azzjoni ta' petizzjoni ta' eredità. Huma, kif kompla jissottometti l-perit legali, mix-xhieda tal-attur *Antonio Borg quddiem* l-istess perit legali jidher illi l-*atturi qegħdin jibbażaw* l-azzjoni *tagħhom, dik li huma kom*proprjetarji tal-fond imsemmi fiċ-ċitazzjoni, bħala illi l-istess komproprjetà ġiet lilhom b'wirt minn għand *nieshom, b'mod* illi huma qegħdin jitolbu favur tagħhom dak il-wirt. Effettivament, il-konvenut eċċepixxa l-preskrizzjoni deċennali kontemplata fl-art. 885 tal-Kodiċi Ċivili, li hija l-preskrizzjoni ta' l-azzjoni, fost oħrajn, għat-talba ta' wirt;

Illi l-preskrizzjoni opposta mill-konvenut hi, kif ingħad, dik kontemplata l-art. 885 tal-Kodiċi Ċivili, li jiddisponi illi l-azzjoni biex jintalab wirt ......, sew fis-suċċessjonijiet b'testment kemm ukoll f'dawk "ab intestato", tispiċċa bl-għeluq ta' għaxar snin mill-ftuħ tas-suċċessjoni. Din hi l-preskrizzjoni li biha min hu *intitolat illi jissuċċiedi* jitlef id-dritt li jirreklama l-wirt jekk ħadd ieħor ikun akkwista dak il-wirt b'pussess għaż-żmien stabbilit mill-liġi;

Taħt il-Liġi tad-Deċemviri, iż-żmien meħtieġ kien ta' sena; wara s-"Senatus Consultum Juventianum", ġie ritenut illi l-azzjoni saret *eżenti* mill-preskrizzjoni, għaliex kienet saret *azzjoni personali li ma kienetx soġġetta għal preskrizzjo*ni. Teodosio II assoġġetta l-azzjoni għall-preskrizzjoni ordinarja ta' tletin sena, li kienet tapplika għall-azzjonijiet kollha, tant reali kemm personali (Const. III C. de praescrip.). L-istess kienet il-Liġi f'Malta, sakemm b'Bandu tal-ewwel ta' Marzu, 1787, iż-żmien ġie mnaqqas għal għaxar snin; liema żmien minn allura kompla u baqa' l-istess sal-lum, kif inhu stabbilit fid-dispożizzjoni tal-liġi msemmija. Għalhekk din id-dispożizzjoni tal-liġi ma ġietx meħuda mill-liġijiet kontinentali, imma dderivat, kif ingħad, mill-Bandu ġa msemmi, li kien biddel il-liġi li kienet teżisti qabel fil-Lib. 2 Capo 5 para. 1 tal-Kodiċi De Rohan; u din id-dispożizzjoni ġiet sussegwen-

tement inkorporata fl-art. 243 tal-Ordinanza Nru. IV tal-1864, *u mbagħad* fl-art. 547 tal-Ordinanza Nru. VII tal-1868, u issa *tinsab* fl-art. 885 *tal-Kodiċi Ċivili (Ediz. Riv.)* ;

Illi, kif irriteniet il-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Diċembru, 1910, fil-kawża fl-ismijiet "Farrugia vs. Attard" (Vol. XXI-I-267), "*il bando del 1mo. marzo 1787, da cui fu tratta* la disposizione dell'articolo 547 dell'Ordinanza VII del 1868, *riducendo il termine* per domandare l'eredità ed il legato da 30 a 10 *anni*, aveva *per oggetto di impedire*, dopo quel termine, le liti promosse contro persone le quali, per motivo di un lungo e *pacifico possesso*, avessero giusto motivo di reputarsi legittimi possessori dell'asse ereditario; e quindi la disposizione contenutavi non può giovare se non a colui che avesse posseduto l'asse 'animo domini', come spettante a lui esclusivamente; *per cui non solo il detentore precario*, ma ne *anche il suo erede* può prescrivere, trasmettendosi il vizio della precarietà all' erede" ;

*Din is-sentenza ngħatat b'riferenza għall-ġurisprudenza* anterjuri in propożitu (Vol. XI, 247), u ġiet segwita b'ġurisprudenza *konformi* u fl-istess sens, tant minn din il-Qorti, li *rriteniet illi, biex wieħed jista' jagħti l-preskrizzjoni ta' għaxar* snin kontra talba ta' wirt jew ta' leġittima, jeħtieġlu illi huwa *matul dawk* l-għaxar snin kellu f'idejh il-wirt 'animo domini' *u mingħajr qerq*, jew "*in good faith*" (Vol. XXIX-II-25), kemm mill-Qorti tal-Appell (29 ta' Jannar, 1954, "Briffa vs. *Sciciuna*"), li ddeċidiet illi l-preskrizzjoni prevista fl-art. 885 tal-*Kodiċi Ċivili* hi dik akkwiżitiva, u *l-preskrivent irid ikollu* l-pussess leġittimu akkompanjat mill-istess preskrivent bl-"*animus domini*" ;

Illi l-"*buona fede*" *tirrappreżenta dak* l-istat *ta' animu* tal-possessur, il-koxjenza u l-intima konvinzjoni tiegħu, li l-ħaġa li *jipposjedi* hi tiegħu (art. 568 (1) Kodiċi Ċivili) : "cum *crediderit eum dominum esse*". *Il-possessur għandu* jkollu *din* iċ-ċertezza ; u jekk ikollu xi dubbju, tkun teżisti fih l-inċertezza, u konsegwentement tispiċċa l-bwona fede fis-sens tal-liġi (Laurent, *Diritto Civile*, Vol. VI, *para*. 208). Il-"*mala* fede" hija n-negazzjoni tal-bwona fede; hija l-istat ta' animu *ta'* dak li jaf, jew minħabba ċ-ċirkustanzi għandu jaħseb, illi

l-ħaġa li jippossjedi hi ta' ħadd ieħor (art. 568(2) Kod. Ċiv.);

Il-"buona fede" għandha wkoll testendi ruħha għat-totalità tal-ħaġa posseduta. "Non basterebbe essere in buona fede su di una parte per prescrivere il tutto" (Troplong, Prescrizione, Cap. V., para. 928). Però, wieħed għandu dejjem jingħad li hu fi bwona fede; u min jeċċepixxi l-mala fede għandu jippruvaha (art. 569 Kodiċi Ċivili). Skond il-Kodiċi Patriju (art. 2246 Kap. 23), li segwa d-Dritt Kanoniku in propożitu (Cap. Quoniam 20 de praescrip.), riformanti f'dan ir-rigward id-Dritt Ruman, dan l-istat ta' l-animu tal-bwona fede fil-possessur għandu jissussisti matul id-deċennju kollu, mill-bidu sat-tmiem tiegħu;

Illi, in bażi tal-liġi u tat-tagħlim fuq imsemmi, irid jiġi eżaminat jekk, fuq il-fatti riżultati mill-kawża, setgħax Basilio Zammit, missier il-konvenut, u jistgħax dana stess, jippreskrivi l-azzjoni intentata mill-atturi. Il-fatti tal-kawża huma dawn:— Il-fond in kwistjoni kien ġie konċess bħala patrimonju sakru minn Francesca armla, fl-ewwel żwieġ minn Angelo Mifsud, u fit-tieni żwieġ minn Pietro Bugeja, fl-atti tan-Nutar Dr. Gioacchino Frendo tal-24 ta' Settembru 1877 (fol. 19), lis-Saċerdot Don Salvatore Busuttil. Dan kien u dam idaħħal il-kera tiegħu sakemm miet fl-24 ta' April, 1929 (fol. 27). Il-fond kien allura detenut minn Basilio Zammit, missier il-konvenut, u ħallas l-aħħar kera tiegħu lis-Saċerdot Busuttil fit-23 ta' Novembru, 1928, għall-iskadenza sat-30 ta' April, 1929. Kif jgħid il-konvenut, wara l-mewt tas-Saċerdot Busuttil, missieru baqa' jiddetjeni dak il-fond bla ma jħallas il-kera sakemm miet, fl-14 ta' Marzu 1937 (fol. 26). Wara l-mewt ta' Basilio Zammit, il-fond ġie mikri mill-konvenut lil Pasquale Farrugia, li ddetenieh mill-1942 sal-1945, meta l-konvenut ottjena l-iżgumbrament tiegħu mill-fond b'deċiżjoni tal-Board li Jirregola l-Kera;

Illi, relativament għal Basilio Zammit, mill-mewt tas-Saċerdot Busuttil, fl-24 ta' April 1929, sal-14 ta' Marzu 1937, meta miet l-istess Zammit, ma għaddewx għaxar snin; u għalhekk dak il-perijodu ta' żmien, li fih huwa ddetjena l-fond bla ma ħallas kera tiegħu, ma kienx biżżejjed għall-finijiet tal-preskrizzjoni taħt eżami. U, kif issottometta l-perit legali, anki

*kieku kienu għaddew għaxar snin jew aktar*, xejn ma kien jiswa lil Basilio Żammit biex jippreskrivi l-azzjoni tal-atturi; għaliex kien ikun jonqos ir-rekwiżit tal-"buona fede". Tabilħaqq, l-attur Antonio Borg xehed illi Basilio Zammit kien żijuh, ħu ommu; illi huwa kien ta' spiss ikellmu dwar dan il-fond, u kull darba — l-aħħar darba kien xi sena qabel ma miet — huwa (Zammit) kien jgħidlu illi dak il-fond kien jappartjeni lil ħafna nies; fosthom kien isemmi lil ċertu Camilleri, lill-ommu (ta' l-attur Borg), u lill-oħtu l-oħra. Dan juri illi *Basilio Żammit ma kellux il-pussess "animo domini"* akkompanjat bil-"buona fede" tal-imsemmi fond, la fil-bidu nett u lanqas tul iż-żmien sakemm miet. U dan ma setgħax ikun mod ieħor. Anki jekk Basilio Zammit kien qal lill-ibnu, il-konvenut, illi l-fond kien għadda għandu bil-mewt tas-Saċerdot Busuttil — u jingħad "jekk qal" għaliex, qabel, il-konvenut xehed illi missieru qatt ma qal kif il-fond kien ġie għandu — miċ-ċirkustanzi kollha Basilio Zammit kellu jippreżumi illi dak il-fond, jekk mhux kollu, almenu f'parti, ma kienx tiegħu. F'dan *is-sens ġie pruvat illi Basilio Zammit* ma kellu ebda rapporti ta' parentela mas-Saċerdot Busuttil; u kwindi bil-mewt ta' dana, u f'nuqqas ta' istituzzjoni testamentarja, dak il-fond ma setgħax jgħaddi għandu (għand Zammit);

Dan deżjem jekk il-fond kien tas-Saċerdot Busuttil. Imma, skond il-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Gioacchino Frendo, ġa msemmi, jirriżulta illi l-fond lanqas ma kien u seta' jkun tal-imsemmi Saċerdot Busuttil, billi l-proprjetà tal-fond kienet, u baqgħet sa mietet, tal-imsemmija Francesca Bugeja. Dina *kienet in-nanna* tal-attur, ħu ommu. Ma jirriżultax illi Francesca Bugeja għamlet xi testment; u għalhekk il-fond bil-mewt tagħha ma setgħax għadda kollu lil Basilio Zammit waħdu. Konsegwentement ma tistgħax tiġi, kif ġiet, invokata mill-konvenut it-teorija tal-eredi apparenti, fis-sens li Basilio Zammit kien fi bwona fede għaliex kien jirritjeni illi huwa kien il-kollaterali l-aktar viċin, u kwindi huwa kien intitolat għas-suċċessjoni ta' Francesca Bugeja; u dan għaliex, kif jgħallem Laurent, ċitat mill-istess konvenut, "se un parente si e' impossessato dell'eredità, credendo di essere l'erede più prossimo, egli è possessore di buona fede, non ostante l'esistenza

d'un parente chiamato alla successione prima di lui, qualora non lo conosce. Al contrario, si chiama possessore di mala fede chi si è posto in possesso dei beni di una eredità che sapeva non appartenergli" (Diritto Civile, Vol. IX, para. 521). U ma jistgħax ikun hemm dubju li Basilio Zammit kien jaf lill-omm l-attur Borg, li kienet oħtu;

Illi, relativament għall-konvenut, dana beda jipposjedi l-fond wara l-mewt ta' missieru, jiġifieri wara l-14 ta' Marzu, 1937. Kif huwa xehed, xi għaxar snin qabel it-22 ta' Jannar, 1954, jiġifieri għall-ħabta tas-sena 1944, jew xi sebgħa snin wara l-bidu ta' dak il-pussess, l-attur *Antonio Borg kien qallu* illi l-fond ma kienx tiegħu waħdu. Dan juri illi wara xi sebgħa snin mill-pussess tiegħu tal-fond, il-konvenut ma baqgħax kellu — jekk qatt kellu qabel, billi mic-cirkustanzi fuq imsemmijin ma jidherx illi seta' kellu — dik iċ-ċertezza meħtieġa għall-finijiet tal-"buona fede", kif ġa ssemma. Żied jgħid, l-istess konvenut, illi xi sitt snin wara, jew fis-sena 1950, l-attur Borg kien reġa' sabu u qallu illi kellu xi karti li kienu juri d-drittijiet tiegħu fuq il-fond; u xi tmien tijiem wara, permezz ta' l-Avukat Dr. Victor Sammut, huwa kiteb ittra lill-attur u talbu jagħtieħ dawk il-karti; Borg mar u kkonsenjahomlu, u qallu biex jerfagħhomlu, għaliex kien jista' jkollu bżonnhom; wara xi xahar huwa ta lura dawk il-karti lil Borg, wara illi kien urihom, kif qal, l-ewwel lill-imsemmi avukat, li kien qallu illi l-atturi ma kellhom xejn, u mbgħad, ma jistgħax jiftiehem għaliex, la darba kellu dan il-konsult mill-avukat tiegħu, lis-sinjura Bugeja Caruana, li magħha kien impjegat, li qaltlu illi dawk il-karti kienu juru illi l-fond kien ta' ħafna nies. *Dan juri illi d-dubju li tqanqal* fil-konvenut bl-ewwel diskors li qallu l-attur Borg, apparti jekk qabel kellu iċ-ċertezza fuq imsemmija, kompla fil-konvenut meta l-imsemmi attur qallu illi kellu xi karti li kienu juru illi huwa ma kienx il-possessur uniku tal-fond, tant illi huwa ried jara dawk il-karti, u mar jurihom lill-konsulent legali tiegħu u lil nies li kien jafda fihom. *Anzi dina* l-aħħar ċirkustanza turi ħag'oħra. Meta l-konvenut talab dawk il-

karti lill-attur Borg biex jurihomlu, jiġifieri biex jivverifikahom, huwa ġie illi ried jirrinunzja taċitament għal kwalunkwe preskrizzjoni li setgħet kien hemm favur tiegħu, fil-każ illi kien hemm xi prova illi kienet teskludi l-pussess tiegħu, anki f'xi parti, ta' l-istess *fond*; u dan billi huwa rrimetta ruħu għall-provi li kellu l-attur Borg (argom. Vol. XXXI-I-641);

Illi taħt dana l-aspett l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut ma tidherx sostenibili;

Rat il-petizzjoni tal-konvenut, li biha talab li s-sentenza fuq imsemmija *tiġi revokata, u li tiġi* akkolta l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni deċennali, u li għalhekk id-domandi jiġu riġettati; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur;

*Omissis;*

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Illi, minbarra l-argumenti żvolti fis-sentenza impunjata, ankorke' kellu jiġi ritenut li jista' jkun hemm ir-rekwiżit tal-"animus domini" avvolja tkun nieqsa l-bwona fede, id-dokument eżibit f'dina l-istanza bin-nota ta' l-14 ta' Frar, 1955, jeskludi li l-konvenut seta' kien qiegħed jippossjedi "animo domini"; għax ma hux kompatibili li min jippossjedi b'dan l-animu jiddeskrivi ruħu, f'dokument formali, bħala "co-owner and administrator". Il-korrezzjoni li saret in segwitu ma tħassarx il-forza ta' dawk il-kliem, molto più li l-epoka tal-korrezzjoni tirrifletti l-epoka li fiha Antonio Borg beda juri lill-konvenut li l-interessati fil-fond kienu sejrin jieħdu ħsieb il-pendenza. Ma hix ammissibbli l-preteża tal-konvenut li l-kliem "co-owner and administrator" inkitbu bi żball mill-impjegat tad-dipartiment. Anzi, fin-nuqqas ta' kull prova in kuntrarju, il-Qorti għandha tirritjeni li dak li kiteb l-impjegat kitbu skond ma qal lilu l-konvenut, analfabeta, u li qralu u fehemu dak li kiteb, kif soltu jsir. Lanqas hu verosimili dak li jingħad fir-rikors tal-konvenut fol. 97, illi l-kelma "co-owner" inkitbet għax dak iż-żmien parti mill-fond kienet mikrija lil Pasquale Farrugia; infatti, mhux verosimili li l-konvenut, jew l-impjegat, jagħmlu żball tant banali.

Din il-Qorti lanqas tikkunsidra attendibili x-xhieda li f'din l-istanza ta' dwar dan l-inċident il-konvenut, fejn qal li hu ma ddikjarax lill-impjegat li kien hemm proprjetarji oħra; u dan mhux biss għax ma hux verosimili li l-impjegat sejjer jinventa ħaġa hekk minn jeddu, imma anki għax, mentri fl-eżami l-konvenut ftakar f'dak li qal lill-impjegat, fil-kontroeżami, mistoqsi jekk l-impjegat kienx qralu dak li kiteb, ir-risponda li ma jiftakarx "għax għadda ż-żmien". Għandu anki jiġi notat li fil-"file" eżibit f'din l-istanza hemm l-oriġinal ta' ittra, miktuba mill-Avukat Dr. Victor Sammut, allura konsulent legali tal-konvenut, fejn dan, preżumibilment b'inkariku tal-konvenut, qal hekk:— "However, a certain Toni Borg, of Imqabba, who is related to Mr. Giuseppe Zammit, claims that he has a share of the tenement, and has been asked by letter dated 6th December, 1943, to justify his claim". Rikjesta simili lanqas hi konċiljabili mal-"animus domini";

Għalhekk, din il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut appellant. Il-proċess jibqa' rinvijat lill-Ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni.